MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014

Numru 13/2012

Il-Pulizija

Vs

Josef Xerri

Illum 3 ta' Dicembru, 2014,

Il-Qorti,

Rat in-nota;

Semghet lill probation officer Joseph Mizzi;

Rat illi l-Qorti tghat diversi opportunitajiet lid-denunzjat li jirriforma ruhu u jikkopera mal-Probation Officer.

Rat illi ghal-ewwel din il-koperazzjoni kienet manifesta u d-denunzjat wera progress.

Semghet pero' illi l-Probation Officer jixhed fis-seduta tal-21 ta' Mejju, 2014 fejn qal illi d-denunzjat rega' lura ghal-hajja ta' qabel b'nuqqas ta' motivazzjoni u ghalkemm kien jattendi ghal laqghat ma kellux atitudni posittiva u minhabb f'hekk ukoll spicca bla xoghol.

Rat ukoll illi fil-mori ta' din id-denuznja gie kkundannat ghal-perjodu ta' prigunerija.

Rat illi fis-seduta sussegwenti l-Probation Officer xehdet li d-denunzjat biddel l-atitudni tieghu, qed ikun aktar motivat u ghandu pjanijiet ghal futur gialadarba johrog mill habs.

Rat illi l-Ordni skadiet f'Settembru, 2014.

Stante l-progress li wera ricentement mhux il-kaz li jitteihdu aktar provvedimenti, konsegwentement tasjteni milli tiehu aktar konjizzjoni tan-nota.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------